ĦAŻ-ŻABBAR
Citta` Hompesch

## Minuti tal-34 laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter's

L-erbgħa u tletin laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter's saret nhar it-Tlieta, 4 ta' Diċembru, 2012. Il-laqgħa bdiet fis-6.00 ta' filgħaxija.

Item 1 – Attendenza u Apoloġiji

Preżenti kienu iċ-*Chairperson* is-Sinjura Maria Elena Debattista, il-Viċi-*Chairperson* is-Sur Norman Clews, u s-Sur Joseph Agius.

Is-Sur Luciano Farrugia u s-Sur Mario Bartolo kienu skużati.

Item 2- Approvazzjoni tal-Minuti

Il-minuti tat-33 laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Agius li ġiet issekondata mis-Sinjura Debattista.

Item 3 – Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti

Ma kienx hemm mistoqsijiet u affarijiet mill-Minuti.

Item 4 – Korrisponenza

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Martin Pace dwar il-problema ta' ilma li qed iżomm quddiem ir-residenza tiegħu fi Triq il-Farett tal-Fejġel, ilment li ilu li qal iressaq għal żmien twil. Peress illi l-Kumitat Amministrattiv m'għandux il-finanzi biex jaqla' t-triq, il-Kumitat qabel, fuq proposta tas-Sur Clews li ġiet issekondata mis-Sur Agius li jitlob lill-Kunsill isib soluzzjoni għal din il-problema.

Ic-Chairperson informat lill-Kumitat illi s-Sur Luciano Farrugia naqas milli jattendi għal aktar minn terz tal-laqgħat tal-Kunsill li sar fl-aħħar sitt xhur bejn it-22 ta' Mejju 2012 u s-6 ta' Novembru 2012. Fuq proposta tac-Chairperson li ġiet issekondata mis-SurClews, il-Kunsill qabel unanimament li l-assenza tas-Sur Farrugia kienet għal raġuni ġustifikata u għalhekk il-Kumitat għandu jitlob lill-Ministru biex il-post ta-Sur Farrugia m'għandux jiġi dikjarat vakanti.

Item 5 – Xogħol tal-Kumitat

Deċiżjoni dwar l-offerti għal xogħol ta' *resurfacing* ta' Triq il-Marżebb ZLC 5/2012

Dwar l-offerta li saret mill-kumpanija Asfaltar Limited għal *resurfacing* ta' din it-triq bil-prezz ta' €92,976.60, il-Kumitat Amministrattiv fuq proposta tas-Sur Agius li ġiet issekondata mis-Sur Clews, qabel unanimament li din l-offerta tiġi rifjutata.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kumitat illi l-Kunsill kien iddiskuta t-talba għal għajnuna finanzjarja li saret mill-Kumitat Amministrattiv u qabel li fil-Budget għas-sena 2013, jgħin lill-Kumitat Amministrattiv jiffinanzja l-ispiża biex tkun tista tiġi rranġata Triq il-Marżebb. Fuq proposta tas-Sur Agius li ġiet issekondata mis-Sinjura Debattista il-Kumitat Amministrattiv qabel unanimament li japplika għal għajnuna finanzjarja mill-Gvern biex isir ix-xogħol f'din it-triq permezz tal-applikazzjoni għal ħtiġijiet speċjali.

Is-Segretarju Eżekuttiv irrefera għal talba għal estensjoni li l-Kumitat għamel lill-Bord tal-Iskemi u l-ħtieġa li l-Kumitat Amministrattiv jitlob estensjoni biex isir ix-xogħol oeress illi l-għajnuna mill-Kunsill Lokali tista' tingħata fil-bidu tas-sena l-ġdida. Fuq proposta tas-Sur Clews li ġiet issekondata miċ-*Chairperson*, il-Kumitat Amministrattiv qabel unanimament li jinforma lill-Bord tal-Evalwazzjoni u jispjega l-pożizzjoni finanzjarja tiegħu biex tkun tista' tingħata estenzjoni raġjonevoli.

Item 6 – Affarijiet Oħra

Is-Sinjura Debattista talbet li jitneħħa l-qasab minn Triq Ġdida fi Triq iż-Żarżarell, trejqa li minn Triq iż-Żarżarell tagħti għal Triq il-Farfett tal-Fejġel.

Is-Sinjura Debattista talbet ukoll li ssir mera fi Triq San Leonardu.

Is-Sur Agius semma l-ħtieġa li tingħata l-approvazzjoni biex tkun tista' ssir il-bankina fi Triq San Leonardu.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.00 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fit-35 laqgħa li saret nhar l-Erbgħa, 2 ta' Jannar, 2013.

Maria Elena Debattista
Chairperson